MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 800/2008

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Zghazagh u Sport**

**vs**

**Jon Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Ottubru 2008, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' €900.81 (disa' mitt ewro u wiehed u tmenin centezmu) rapprezentanti refuzjoni ta' stipendju li huwa rcieva waqt il-kors ta' studji turistici stante r-rizenja tieghu mill-istudji u dana a tenur tal-kondizzjonijiet tal-istess kors.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 29 ta' Ottubru 2003.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 23 ta' Dicembru 2008 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li (1) fl-ewwel lok kienet

preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (c) Kap 16 (2) fit-tieni lok in-nuqqas ta’ nteress guridiku da parti tal-attur; (3) kontrattwalment il-konvenut ma hux tenut jaghmel tali refuzjoni u (4) li t-talbiet kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ra illi fis-seduta tat-12 ta’ Marzu 2009 il-konvenut irtira t-tieni eccezzjoni tieghu dwar l-interess guridiku;

Ra s-sentenza ta dan it-Tribunal stess datata 3 ta’ April 2009 fejn giet respinta l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna bl-ispejjes relattivi riservati ghal gudizzju finali;

Illi ghalhekk wara li gew sorvolati l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta’ natura preliminari, it-Tribunal issokta bis-smiegh u ezami tal-provi fuq il-meritu;

Ezamina wkoll in-noti ta’ osservazzjonijiet prezentati mill-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra.

Illi ftit li xejn hemm disgwid bejn il-partijiet fuq il-fatti specie tal-kaz. Huwa inkontestat li l-konvenut kien beda kors ma l-‘*Institute of Tourism Studies*’ (ITS) fis-sena 2000. Huwa sab il-kors difficli u ghalhekk iddecieda li jieqaf u nforma b’dan lill-amministrazzjoni lejn l-ahhar tas-sajf tas-sena 2001. Irrizulta wkoll li l-applikazzjoni tieghu ghal kors kienet giet iffirmata mill-istess konvenut u mill-genituri tieghu stante li kien  ghadu taht it-18 il-sena. Daniel Bugeja prodott mill-attur spjega li l-kors ikun soggett ghal certa *‘rules and regulations’* u ghalkemm l-applikant jiffirma li jkun qrahom, fil-fatt pero` id-dokument kontententi dawn ir-regoli ma jkunux annessi mal-applikazzjoni. Fost dawn ir-regoli hemm kondizzjoni li tghid li f’kaz ta’ rizenja tal-istudent wara l-ewwel semester, dan ikun obbligat jirrifondi l-istipendju kollu li jkun rcieva u difatti hekk qed jintalab f’din il-kawza peress illi l-konvenut ma baqax jattendi l-kors appena kienet ser tibda t-tieni sena cio’ e` f’Ottubru tas-sena 2001. Daniel Bugeja

jissokta jghid li l-konvenut kien jircievi stipendju ta Lm12 fil-gimgha oltre l-bonus – b'kollox Lm386.72.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut jafferma li huwa qatt ma nghata kopja tar-'*rules and regulations'* ghalkemm jikkonferma l-firma tieghu fuq l-applikazzjoni. Fil-fatt ighid li qatt ma rah dan l-imsemmi dokument tar-regolamenti u wisq anqas giet spjegata lilu l-kondizzjoni tal-obbligu ta' refuzjoni f'kaz ta rizenja wara l-ewwel semester (14.3); In segwitu ighid li huwa rrejalizza li l-kors kien difficli ghalih peress illi gie *diagnosed* bil-kondizzjoni ta ADHD (Attention Deficient Hyperactive Disorder) li in poche parole tfisser li l-persuna jkollha diffikulta biex tibqa koncentrata ghal zmien twil u li ma tkunx tista zzomm ruhha ffokata fuq oggett wiehed.

Frances Mallia omm il-konvenut tikkonferma li hija kienet iffirmat l-applikazzjoni tal-kors fl-imkien ma binha Dok SP2 pero` ma ffirmatx Dok SP1 li jitratta dwar ir-'rules and regulations'. Dan l-ahhar dokument la nghata lilha u wisq anqas urewulha. Tispjega wkoll li binha kien qed jikkonsulta ruhu mal-psikjatra Dr Joe Cassar u in segwitu ma Dr Etienne Muscat mnejn irrizulta li huwa kien qed isofri mill-kondizzjoni tal-ADHD. Huwa beda jinghata l-kura li kienet ghadha ghaddejja sa dak in-nhar li xehdet. Tafferma wkoll li fiz-zmien tal-applikazzjoni binha kien gia qed isofri minn tali kondizzjoni ghalkemm ma kienux konsapevoli dwarha.

Il-Psikjatra Dr Etienne Muscat xehed illi skond ir-'records' ta' Dr Joseph Cassar, il-konvenut sar pazjent ta' Dr Joseph Cassar fis-sena 2002 u li l-ewwel darba li gie *diagnosed* bil-precitata kondizzjoni kienet f'Novembru 2002 ghalkemm kien gia qed jiehu medikazzjoni ghal kondizzjonijiet relatati minn qabel; Jispjega li persuni b'tali kondizzjoni jkollhom problema biex jiffokaw u diffikulta biex jistrutturaw lilhom nfushom. Skond in-notamenti ta' Dr Joseph Cassar il-konvenut kien ibghati minn sens ta' anzjeta partikolarment meta jaffaccja n-nies. In kontro-ezami dan il-psikjatra jispjega li dawn il-persuni jkunu mpulsivi u jaslu biex jiehdu decizjonijiet affrettati; Mhux

haga kbira li jista jiddeciedi f'nofs ta' kors li jieqaf hesrem minghajr ebda raguni.

Il-Psikjatra Dr Joseph Cassar jafferma li l-konvenut beda jigi ghandu bhala pazjent mit-23 ta' Settembru 2002. Irrizultalu li l-konvenut sa minn tfulitu kien ibghati mill-kondizzjoni ADHD. Jispjega kif persuna b'tali kondizzjoni tbghati minn nuqqas ta' attenzjoni, koncentrazzjoni u organizzazzjoni dwar hajjitha nkluz studji u kif ukoll dwar l-aktar affarijiet semplici ta' hajjitha. Din il-kondizzjoni llum il-gurnata hija kkonsidrata bhala disabbilita tant illi l-Universita ta' Malta takkorda zmien extra fl-ezami ghal min ikun ibaghti minnha.

Illi tenut kont tal-fatti hawn fuq esposti li ftit li xejn jinsabu b'xi mod kontestati u jew kontradetti, wiehed irid jiddeciedi fl-ewwel lok jekk il-konvenut kienx marbut mar-*rules and regulations* tal-kors u jekk fl-affermattiv jekk il-kondizzjoni ta' sahhtu hijiex gustifikazzjoni bizzejjed biex tezentah mill-kondizzjoni tar-refuzjoni.

Illi Dok SP1 (*rules and regulations*) certament ma giex iffirmat mill-konvenut u jew minn ommu u anqas ma ngabet prova soddisfacenti li tali dokument intwera jew gie spjegat lill-konvenut jew li nghata kopja tieghu. Huwa minnu pero` li fl-applikazzjoni Dok SP2 il-konvenut u ommu ffirmaw li l-applikant kien qed jintrabat li josserva r-regolamenti tal-Istitut. It-Tribunal jistenna li jekk l-Awtorita Attrici qed iggieghel student taht l-eta sabiex jintrabat li joqghod ghal certa regolamenti, ghandha almenu tghaddi kopja tal-istess regolamenti lid-dikjarant jekk mhux addirittura tannetti kopja ta' l-istess mal-applikazzjoni. Lanqas ma hemm imnizzel fid-dikjarazzjoni li l-istudent ikun qara u gharaf il-kontenut u l-entita ta' tali regolamenti u jew li gie mgharraf bihom. Illi in vista tal-premess ghalhekk ma jistax jigi tenut li l-konvenut kien b'xi mod marbut ma tali regolamenti jekk irrizulta li dawn qatt ma gew mghoddija lilu.

Illi apparti l-kunsiderazzjoni hawn fuq maghmula li tista twassal ghall-akkoljiment tat-tielet eccezzjoni sollevata, jinghad inoltre li dato concesso li l-konvenut kien marbut

b’tali kondizzjoni, huwa ressaq raguni gustifikabbli mhux biss il-ghala ma kompliex il-kors izda wkoll il-ghala setgha ffirma tali dikjarazzjoni minghajr ma kien konsapevoli tal-implikazzjonijiet li ggib maghha. Il-konvenut ressaq provi psikjatrici li jindikaw li huwa kien ibghati mill-kondizzjoni maghrufa bhala ADHD. Irrizulta wkoll li tali kondizzjoni setghet kienet strumentali mhux biss fid-decizjoni tieghu li jitlaq mill-kors izda wkoll setghet influwenzatu biex ha decizjoni affrettata u mpulsiva li jibda l-kors minghajr ma kien maqtugh ghalih. Illi ghalkemm din il-kondizzjoni giet *diagnosed* sena wara li telaq mill-kors pero` rrizulta li huwa kien ibghati minnha sa minn tfulitu ghalkemm ma kienx jaf biha u ghalhekk certament ma setax jinforma b’dan lill-Awtorita attrici. Illi ghalhekk irrizulta ppruvat li l-konvenut ma telaqx mill-kors b’manjiera kapriccjuza izda il-ghaliex x’aktarx minhabba l-kondizzjoni tieghu sab li ma setax ilahhaq mal-pressjoni li gabu maghhom dawn l-istudji.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa it-tielet u r-raba eccezzjoni sollevati mill-konvenut kwindi jichad it-talba attrici b’dan pero` illi ghandu jirrizulta gust u ekwu fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz li l-ispejjes ta’ din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------